31990R3447

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3447/90
tat-28 ta' Novembru, 1990,
dwar kondizzjonijiet speċjali għall-għoti ta' għajnuna għal ħażna privata ta' laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 tal-25 ta' Settembru, 1989, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3446/90 tas-27 ta' Novembru, 1990, li jagħmlu regoli dettaljati għall-għoti ta' għajnuna għal ħażna privata ta' laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż [2], għandhom japplikaw għall-għoti ta' għajnuna għall-ħażna privata ta' laħam tan-nagħaġ; billi jixraq li dawn id-dispożizzjonijiet jitlestew jew ikunu addattati;

Billi l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2644/80 [3] jistabbilixxi li, jekk ikun meħtieġ minħabba s-sitwazzjoni fis-suq, il-perjodu ta' ħażna jista' jiqsar jew jitwal; billi jixraq għalhekk li, bi żjieda ma l-għadd ta' għajnuna mogħtija għal perjodu speċifiku ta' ħażna, fil-każ li dak il-perjodu jitwal jew jiqsar, l-għadd li jkollu jiżdied jew jonqos għandu jkun iffissat ukoll;

Billi l-kondizzjonijiet mistennija tas-suq jeħtieġu perjodu flessibbli ta' ħażna ta' bejn tlieta u seba' xhur;

Billi, biex ikun żgurat li offerti jkunu ġenwini, jixraq li tkun iffissata l-kwantità minima li tista' tinħażen;

Billi, garanzija ta' ECU 120 għal kull tunnellata metrika tidher xierqa biex tiggarantixxi l-ħarsien ta' l-obbligazzjonijiet marbuta ma' ħażna privata;

Billi l-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għal Nagħaġ u Mogħoż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3446/90 għandu japplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Applikazzjonijiet fil-qafas ta' għajnuna għal ħażna privata għandhom jintbagħtu lill-aġenziji ta' intervent imsemmija fil-lista li tidher fl-Anness.

2. Fil-qafas ta' proċedura ta' sejħa għal offerti l-perjodu ta' ħażna li għalih tista' ssir offerta huwa ta' tliet xhur. Iżda l-perjodu nnifsu ta' ħażna għandu jintgħażel minn min jaħżen.

Dan il-perjodu jista' jinfirex mill-inqas minn tliet xhur sa mhux iktar minn seba' xhur. Iżda jekk il-perjodu ta' ħażna jkun itwal minn tliet xhur l-għajnuna għandha tiżdied għal kull jum b'ECU 1,2 kull tunnellata metrika kuljum.

Artikolu 3

Il-kwantità minima għal kull kuntratt għandha tkun ta' erba' tunnellatti metriċi murija bħala laħam bil-għadam.

Artikolu 4

Il-garanzija għandha tkun ta' ECU 120 għal kull tunnellata metrika.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru, 1990.

Huwa għandu japplika għal ħażniet privati mibdija minn dik id-data.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Novembru, 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 289, tas-7.10.1989, p. 1.
(2) Ara paġna 39 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
(3) ĠU L 275, tat-18.10.1980, p. 8.

ANEXO— BILAG— ANHANG— ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ— ANNEX— ANNEXE— ALLEGATO— BIJLAGE— ANEXO

Direcciones de los organismos de intervención— Interventionsorganernes adresser— Anschriften der Interventionsstellen— Διευθύνσεις των οργανισμών παρεμβάσεως— Addresses of the intervention agencies— Adresses des organismes d'intervention— Indirizzi degli organismi d'intervento— Adressen van de interventiebureaus— Endereços dos organismos de intervenção

BELGIQUE BELGIË:	Office belge de l'économie et de l'agriculture rue de Trèves 82 1040 Bruxelles Tél. 02 / 230 17 40, télex 24076 OBEA BRU B	Belgische Dienst voor Bedrijfsleven en Landbouw Trierstraat 82 1040 Brussel
DANMARK:	EF-Direktoratet Frederiksborggade 18 DK-1360 København K Tlf. 01 92 70 00, telex 151 37 DK	
BUNDESREPUBLIK DEUTSCHLAND	Bundesanstalt für landwirtschaftliche Marktordnung (BALM) Geschäftsbereich 3 (Fleisch und Fleischerzeugnisse) Postfach 180 107 — Adickesallee 40 D-6000 Frankfurt am Main 18 Tel. (06 9) 1 56 40 App. 713, Telex 04 11 56	
ΕΛΛΑΔΑ:	Διεύθυνση Διαχείρισης Αγορών Γεωργικών Προϊόντων (ΔΙ.Δ.Α.ΓΕ.Π), Αχαρνών 241, Αθήνα	
ESPAÑA:	Servicio nacional de productos agrarios (SENPA) c/ Beneficencia 8 28003 Madrid Tel. 222 29 61 Télex 23427 SENPA E	
FRANCE:	OFIVAL Tour Montparnasse 33, avenue du Maine 75755 Paris Cedex 15 Tél. 45 38 84 00, télex 26 06 43	
IRELAND:	Department of Agriculture and Food Agriculture House Kildare Street Dublin 2 Tel. (01) 78 90 11, ext. 33 32 Telex 4280 and 5118	
ITALIA:	Azienda di Stato per gli interventi nel mercato agricolo (AIMA) via Palestro 81 I-00100 Roma Tel. 49 57 283 — 49 59 261 Telex 61 30 03	
NEDERLAND:	Voedselvoorzienings In- en Verkoopbureau Ministerie van Landbouw, Natuurbeheer en Visserij Postbus 960 6430 AZ Hoensbroek Tel. (045) 23 83 83 Telex 56396	
PORTUGAL:	INGA Instituto Nacional de Intervenção e Garantia Agrícola Rua Camilo Castelo Branco, 45 P-1000 Lisboa	
UNITED KINGDOM:	Intervention Board for Agricultural Produce Fountain House 2 Queens Walk Reading RG1 7QW Berkshire Tel. (0734) 58 36 26 Telex 848 302	